FGURA

Minuti tal-laqgħa (laqgħa urġenti) numru sitta u ħamsin tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum l-Erbgħa 31 t'Awwissu 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-18:30.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A. DeGiovanni |
| **Kunsillieri**: | Is-Sur M. Lombardo<br>Is-Sur A. Debono<br>Is-Sinjura R. Cutajar<br>Is-Sur P. Dalli<br>Is-Sur S. Camilleri |
| **A/Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Is-Sur C Bonello talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Il-Kunsill iddeċieda li r-raġuni kienet ġustifikata u għalhekk approva li jiġi skużat mil-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

**1.0 <u>Premises Ġodda tal-Kunsill Lokali</u>**

1.1 DOK A (anness) ġie mressaq għall-attenzjoni tal-Kunsillieri preżenti.

1.2 Is-Sur S Camilleri ressaq mozzjoni ref: 3134/11/6 "Il-Kunsill Lokali tal-Fgura jieħu din id-deċiżjoni fid-dawl li:

- LK Ltd. kiser il-kuntratt mall-Kunsill Lokali tal-Fgura meta beda x-xogħol u ħoloq ħsara u periklu lil terzi persuni meta qatt ma kien hemm *order to start works* mill-Perit tal-Kunsill, jew rappreżentant tal-Kunsill Lokali hekk kif jistipula l-kuntratt.

Mayor, Vicemayor, Councillors & A/Secr J.

- Meta, minkejja diversi tentattivi LK Ltd. baqgħu ma ssodisfawx ir-rikjesti tal-perit tal-Kunsill, u baqgħu jibagħtu rapporti li skont il-perit tal-Kunsill Valerio Schembri, il-mod tax-xogħol, ma kienx wieħed ta' *safety* biżżejjed li talab il-Kunsill. Għalhekk fuq parir tal-Perit Valerio Schembri il-Kunsill jittermina l-kuntratt ma' LK Ltd. Il-garanzija tagħmel tajjeb għall-ħsarat ta' terzi persuni wara li jkun hemm qbil fuq l-ammonti bejn il-perit tal-Kunsill u tat-terzi persuni li sofrew il-ħsara, fuq l-ammonti." Din kienet sekondata mis-Sindku.

1.3 Is-Sur A. Debono ressaq il-punt li l-korrispondenza li qed tintbgħat mill-Perit tal-Kunsill hija elettronika u mhix iffirmata.

1.4 Is-Sur A. Debono staqsa jekk hemmx garanzija bankarja għal dan it-tender. Is-Sur S. Camilleri ġibed l-attenzjoni li l-ebda tender ma jkun jista' joħroġ jekk ma jkollux garanzija bankarja.

1.5 Is-Sur A. DeGiovanni rrefera għal punt 1.3 u qal li l-korrispondenza diġitali hija valida daqs waħda ffirmata bil-miktub.

1.6 Is-Sur M. Lombardo qal li din hija materja serja u għalhekk wieħed għandu jara li kollox isir skont il-proċeduri stabbiliti.

1.7 Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: 3134/11/6 għall-vot. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar, Sur M. Lombardo.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3134/11/6 kienet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

Il-laqgħa ntemmet fis-18:46.

Sindku

A/Segretarju

('DOK A')

**Fgura Local Council at DLG**

**From:** Valerio Schembri [valerios@go.net.mt]
**Sent:** 31 August 2011 16:55
**To:** Byron Camilleri
**Cc:** Fgura Local Council at DLG
**Subject:** Demolition Method Statement

Byron,

We read through the new method statement by Perit Stephen Farrugia however we have the following comments:

Nature of Remaining Works

**section c and section f** - method statement to specify method of piling. Basically blocks have to be hoisted down to ground floor level

**section d** - we agree in principle with what is being proposed however the system proposed has to be applied to all rooms not only to wide span rooms only

Doc C has to indicate the system also because basically it has remained as per previous submittal and two props only for the system show in Doc D are not enough.

Basically the system has to be as shown in roof plan Doc C

**section h** In view of the close proximity of the third party properties it is not acceptable that roofs are demolished by shovel even at ground floor level but by the system in section d.

Kind Regards

Valerio